# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 3026

**Kaz Numru 3254/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Julio Azzopardi (detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 182770 (M))**

**u**

**Solar Engineering Limited (C 47487)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 23 t'Ottubru, 2024**

In seguito tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 17/2024 LM fejn ordna li jintbghatu lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrjali halli jiehu konsiderazzjonijiet ta' dak kollu li qalet din il-Qorti f'din is-sentenza, u jiddeciedi il-kaz skont kif jirrekedju paragrafu (a) tas-subartiklu 81(2) tal-Kap 452, u s-Subregolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.18.

Paragrafu (a) tas-subartiklu 81(2) tal-Kap 452 jghid:

'F'kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta, jekk ma jkunx hemm talba specifika biex jerga' jidhol fl-impjieg jew jerga' jigi mpjegat, jew it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux jaghmel ordni biex jerga' jidhol fl-impjieg jew jerga' jigi mpjegat kif intqal qabel, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens, li ghandha tithallas mill-principal lil min jaghmel l-ilment, rigward it-tkeccija.
Izda meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ghandu jqis **id-danni reali u t-telfien** li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta **kif ukoll cirkostanzi ohra,** nkluzi l-eta' u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-haddiem.'

Subregolament 12 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.18. jghid:

‘Id-decizjonijiet u s-sentenzi tat-Tribunal ghandhom ikunu bil-miktub u m’ghandhomx jispecifikaw bid-dettalji u r-ragunijiet ghal din id-decizjoni jew sentenza imma jistghu jaghmlu riferenza ghax-xhieda principali li tinstema’. It-Tribunal madanakollu, ghandu jaghmilha haga cara bid-decizjoni jew is-sentenza tieghu illi l-argumenti kollha li ghandhom x’jaqsmu u li jitressqu miz-zewg partijiet ghandhom jittiehdu f’konsiderazzjoni’.

Fid-dawl tal-legislazzjoni fuq riferuta dan it-Tribunal jerga’ jaghmilha cara illi kif mistqarr fid-decizjoni li kienet inghatat minnu nhar id-19 t’April 2023 li:

‘Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f’dan il-process, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li **t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kienetx wahda gusta**. U dan wara li: ‘It-Tribunal ma giex konvint li d-decizjoni tas-Socjeta’ ntimata li ttemm l-impjieg tal-Appellant kienet wahda bbazzata fuq ragunijiet li kienu jimmeritaw licenzjament, izda huwa moralment konvint li tali decizjoni kienet xprunata minn cirkostanzi li jmorru lill hinn minn dak li kien isehh fuq il-post tax-xoghol’.

Fir-rigward tal-kumpens ghat-tkeccija ngusta fejn dan it-Tribunal iffissa kumpens ta’ €7,500, jispjega li huwa ha inkonsiderazzjoni tal-fatt li l-modalita ta’ tali licenzjament, meqjus fil-kamp tad-dixxiplina lavorattiva bhala l-piena kapitali, sehh fl-inkwadratura tal-kwazi hames (5) snin servizz li Julio Azzopardi serva lill-kumpanija Solar Engineering Limited, fejn qabel safa mkecci kellu salarju ta’ €1,500 fix-xahar. Dan it-Tribunal ikkunsidra wkoll, il-hsara li sofra Azzopardi fejn kienet imtappna r-reputazzjoni tieghu b’varji allegazzjonijiet fosthom ta’ tbghabis fir-*records* tal-kumpanija, mmaniggjar hazin ta’ flus tal-kumpanija u skartar minn fuq il-post tax-xoghol. F’dan l-isfond dan it-Tribunal, bhala kumpens iffissa €1,500 ghall kull sena u parti servizz moghti minn Azzopardi lill-kumpanija u cjoe’ €1,500 ghal 5 darbiet li jammontaw ghal €7,500.

Biex wasal ghall-kumpens addizzjonali ta’ €1,500 bhala, dan it-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-fatt li Azzopardi dam xahar disimpjegat sakemm sab impjieg iehor u li matul dan il-perjodu huwa ma kellu l-ebda dhul tant li huwa kien eskluz milli jibbenifika mill-beneficcju tal-qaghad peress li l-kumpanija kienet irregistrat ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu bhala azzjoni dixxiplinarja. Dan it-Tribunal ekwipara l-ammont ta’ €1,500 bhala kumpens, ma’ xahar salarju li Azzopardi kellu mall-kumpanija meta huwa safa mkecci ngustament mix-xoghol.

F'dan il-kuntest kif spjegat it-Tribunal iffissa l-kumpens totali dovut lil Azzopardi fis-somma totali ta' €9,000.

(Iffirmat)
**Is-Sur Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Għas-Segretarju**